**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 20 ta' Frar, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**vs**
**Diaeddin Arab magħruf bħala Andrew, detentur tal-karta tal-identita` numru 19450A.**

Kumpilazzjoni Nru. 1390/2007

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Diaeddin Arab talli:

> F'dawn il-gżejjer, f' Ottubru 2007 f'San Pawl il-Baħar, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex jġiegħel titwemmen l-ezistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex jqanqal tama jew biża' dwar xi grajja kimerika, għamel qligħ ta' madwar Lm150 għad-dannu ta' Karl Attard u dan bi ksur tal-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra mili tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom xjaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tallum, l-imputat rregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hu nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew f' Ottubru, 2007, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma illum stess.

Illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-istess akkuzi kif minnu ammessi.

Illi in kwantu ghal-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, il-fedina penali tieghu, la-mmissjoni tieghu w tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz fosthom li l-akkuzi jirrisalu ghal aktar minn disa' snin ilu.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 308. 309, 310(1)(b)[1] tal-Kodici Kriminali, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[1] Fi zmien li sehh ir-reat il-piena kienet dik ta' prigunerija bejn hames xhur u tlett snin.